MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Referenza Kostituzzjonali Numru. 56/2009

**Riferenza Kostituzzjonali numru 56/2009 GC fl-atti tar-rikors guramentat ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1609/09 GC fl-ismijiet**

**Albert sive Robert Borg**

**vs**

**Kap Ezekuttiv Awtorita' Maltija tat-Turizmu u Chairman tal-Awtorita' Maltija tat-Turizmu**

Il-Qorti

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Ottubru 2009 fir-rikors bit-talba ta' hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (numru 1609/09 GC) minn fejn jirrizulta li ir-rikorrenti Albert Borg, in vista

tar-risposta tal-intimati fejn l-istess intimati qed jinvokaw favur taghhom l-insindikabilita' minn naha ta' din il-Qorti u ta' kwalunkwe Qorti ghar-rigward tal-atti maghmulin mill-Awtorita' intimata cioe' l-Awtorita' tat-Turizmu taht l-artikolu 42(2) tal-Kap 409 u ghalhekk l-imsemmi rikorrenti talab ai termini ta' l-Art 4(3) tal-Kap 319 sabiex din il-Qorti tiddisponi mill-kwistjoni ai termini tal-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan in vista tal-fatt li, skond l-istess rikorrenti l-artikolu 42(2) tal-Kap 409 jilledi d-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghall-access tal-Qrati garantit mill-artikolu 6 tal-Kap 19 kif ukoll id-dritt ghar-rimedju effettiv garantit mill-artikolu 13 tal-istess Kapitolu u cioe' l-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem.

Rat li l-intimati opponew din it-talba tar-rikorrent stante li skond huma l-ligi ikkwotata l-Kap 409 tal-Ligijiet ta' Malta u b'mod partikolari l-artikolu 42(2) huwa car meta jaghti poteri lill-Awtorita' intimata sabiex tiehu l-azzjoni li hadet. Dejjem skond l-intimati r-rimedju li qieghed jitlob ir-rikorrent m'ghandux ikun ta' xkiel sabiex l-awtorita' turistika in kwistjoni tigi maghluqa taht l-ordni ta' l-Awtorita' kompetenti sakemm eventwalment ir-rimedju jinghata.

Il-Qorti wara li rat dawn il-verbali tal-partijiet laqat it-talba tar-rikorrenti u kkonvertit ruha f'Qorti ta' Gurisdizzjoni Kostituzzjonali skond l-Artikolu 4(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimati fejn gie sottomess:-

Illi din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti provvisorjament permezz tad-digriet datat 28 ta' Settembru, 2009.

Illi matul l-ahhar seduta li saret fit-8 ta' Ottubru 2009, din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba Kostituzzjonali tar-rikorrenti li saret seduta stante u kkonvertiet ruha f'Qorti ta' Gurisdizzjoni Kostituzzjonali skond l-Artikolu 4(3) tal-Konvenzjoni Ewropeja u Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi in oltre din l-Onorabbli Qorti ddecidiet ukoll li fil-frattemp sakemm tigi deciza l-kwistjoni kostituzzjonali, d-dikriet taghha tat-28 ta' Settmebru 2009 jibqa' fis-sehh.

Illi minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet li jistghu isiru eventwalment rigward il-kwistjoni Kostituzzjonali, l-esponenti jissottomettu bir-rispett li huma jopponu bil-qawwa ghad-decizjoni li d-digriet tat-28 ta' Settembru, 2009 jibqa' fis-sehh.

Illi matul dik is-seduta, din l-Onorabbli Qorti kienet qed tisma l-partijiet jittrattaw mandat kawtelatorju, li kif huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana, ghandu jigi deciz fuq bazi prima facie.

Illi fuq dan il-punt, issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili fil-kawza fl-ismijiet 'Sonia Grech pro et noe vs Stephanie Manfre' deciza fl-14 ta' Lulju 1988, fejn rigward ir-rekwizit tal-prima facie gie kkunsidrat illi dan:

"huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa' t' ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat"

Illi f' dan ir-rigward, l-esponenti jergghu jaghmlu referenza ghall-Artikolu 42(2) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta:

"Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra, ebda mandat kawtelatorju jew ordni ohra m' ghandha tinhareg jew tinghata minn ebda qorti, li zzomm l-Awtorita' milli tezercita xi wahda mis-setghat moghtija lilha b' dan l-artikolu."

Illi ghalhekk, jirrizulta bl-aktar mod car li oggettivament u ma' l-ewwel daqqa t' ghajn, il-jeddijiet li qed isostni li ghandu r-rikorrenti, effettivament ma jirrizultawx.

Illi dawn is-sottomissjonijiet qieghdin isiru in konnessjoni mal-hrug tal-mandat in kwistjoni. Jigi sottomess bir-rispett li s-sottomissjonijiet Kostituzzjonali maghmulha mir-rikorrent m'ghandhomx ikunu ta' xkiel ghall-esponenti li

jitolbu li tigi applikata l-Ligi in vigore, partikolarment meta qieghed jigi trattat mandat kawtelatorju li ghandu jigi deciz a bazi tal-prima facie.

Illi ghalhekk, is-sitwazzjoni prezenti qieghda tipprekludi lill-Awtorita' esponenti milli tezercita d-drittijiet taghha ai termini tal-Artikolu citat, u dan meta l-ilment tar-rikorrenti ghadu pendente lite, ghaliex wara kollox jista' jirrizulta li effettivament it-talba kostituzzjonali tar-rikorrenti ma tigix ippruvata.

Illi jekk dan ikun il-kaz, allura nigu ffaccjati b'sitwazzjoni fejn l-Awtorita' esponenti tkun tilfet id-dritt taghha li tapplika l-Ligi in kwistjoni fil-mument meta din il-Ligi kellha tigi applikata fil-kaz in kwistjoni.

Ghaldaqstant, in vista dak kollu hawn fuq espost, hija l-fehma tal-esponenti li ma jissustux u ma jirrizultawx l-elementi rikjesti mil-ligi sabiex ikun jista' jigi ordnat il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni odjern minn din l-Onorabbli Qorti u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta' dan il-mandat ghandha tigi michuda bl-ispejjez u fic-cirkostanzi tal-kaz, l-esponenti qieghdin ukoll jitolbu bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti tirrevoka a contrario imperio d-dikriet taghha moghti fit-28 ta' Settembru, 2009 u kkonfermat matul is-seduta tat-8 ta' Ottubru 2009, u dan wara li taghti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha xierqa u opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali fir-rigward tal-presenti referenza kostituzzjonali fejn gie sottomess:-

Illi ghandu jigi rilevat li l-Artiklu 42(2) tal-Kap. 409 li qed jilmenti minnu r-rikorrenti ma jista' qatt jittiehed 'in isolation', izda ghandu jittiehed fil-kuntest tal-artikli l-ohra kemm fl-istess kapitlu u kemm fl-istess sezzjoni.

Illi r-rikorrenti, Albert sive Robert Borg, qed jilmenta peress illi qed jallega li l-artiklu in kwistjoni (Artikolu 42(2) tal-Kap. 049) b' xi mod jilledi d-dritt li ghandu kull individwu ghall-access ghall-Qrati u konsegwentement ghad-dritt li ghandu kull individwu ghar-rimedju effettiv.

Illi dak li mhux qed jghid r-rikorrenti, Albert sive Robert Borg, huwa illi l-artiklu li saret riferenza ghalih aktar l-fuq (Artiklu 42(2) tal-Kap. 409), hu biss l-ahhar stadju ta' iter shih ta' investigazzjonijiet mnedija mill-Awtorita' msemmija, liema investigazzjonijiet kienu a konoxxenza tar-rikorrenti Albert sive Robert Borg sa minn meta bdew jsiru.

Illi huwa argument assolutament inaccettabbli li tallega li f' xi stadju, r-rikorrenti, Albert sive Robert Borg, ma kienx jaf li qed jsiru dawn l-investigazzjonijiet u dwar r-rizultanzi tal-istess investigazzjonijiet li rrizultaw lill-Awtorita' ntimata.

Illi ghandu jirrizulta in oltre illi r-rikorrenti, Albert sive Robert Borg, kien ben konsapevoli tal-istat ta' fatt li gelghet lill-Awtorita' ntimata tiehu l-passi li hadet u minkejja dan xorta deherlu li kellu jibqa' nadempjenti u m' jwettaqx x-xogholijiet li kien hemm bzonn li jsiru sabiex l-Awtorita' ntimata tkun f' posizzjoni li tawtorizza l-hrug tal-licenzja idoneja fil-konfront tal-istess rikorrenti.

Illi l-Artiklu 42(2) ghandu jinqara fil-kuntest tal-artikolu 40 et seq tal-istess Kap 409 u cioe' fil-kuntext ta' meta l-Awtorita hija obbligata li taghti l-avvizi idoneji qabel ma fil-fatt tinvoka l-Artiklu 42(2), bhala mizuri ahharija.

Illi huwa proprju dan li gara f'dan il-kaz, u cioe' li wara li r-rikorrenti kien avzat iktar min darba sabiex jirregola l-posizzjoni tieghu, hu ghazel li jibqa' inadempjenti ghal zmien indeterminat.

Illi hija diskrezzjoni tal-Awtorita msemmija meta ghandha tghid 'enough is enough' u zgur f'dak l-istadju ma jistax r-rikorrenti jghid li ma kienx avzat bil-probabbli konsegwenzi tal-azzjonijiet tieghu (jew iktar preciz n-nuqqas taghhom).

Illi ma jistax r-rikorrenti, wara li jkun avzat sabiex jirranga s-sitwazzjoni fir-rigward tal-istabiliment tieghu, l-ewwel ma jaghtix kaz ta' dak li tghidlu l-Awtorita'ntimata u sussegwentement jallega li hemm ksur tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni meta jaslu fuqu l-konsegwenzi legali li

kien jaf bihom sa minn qabel ma bdew l-investigazzjonijiet fil-kaz tieghu da parti tal-Awtorita' msemmija.

Illi jekk r-rikorrenti, wara li nghata n-notice mill-Awtorita' ntimata, ma kienx konvint li l-istess Awtorita' ntimata kienet qed timxi mieghu skond il-ligi, hu kellu kull opportunita sabiex jintavola l-azzjonijiet idoneji fil-konfront tal-Awtorita' ntimata f'dak l-isatdju u mhux jallega li hemm ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-konfront tieghu meta l-Awtorita' tasal biex tiehu azzjoni a bazi tal-Artiklu 42(2).

Illi in vista ta' dan l-esponenti ma jistghux, bir-rispett kollu lejn r-rikorrenti, jifhmu kif l-istess rikorrenti qed jippretendi li din l-Onorabbli Qorti taccetta t-tezi tieghu u cioe' dik li hu f'xi stadju ma kellux access ghall-Qrati u li minhabba f' hekk qed jigi lez fil-konfront tieghu d-dritt fundamentali tieghu kif protett fl-Artiklu 6 u 13 tal-Konvenzjoni.

Ghalhekk l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex filwaqt li tiddikjara t-talba tar-rikorrenti bhala nfundata fil-fatt u fid-dritt, tichad l-istess talba bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat id-dikriet tagha tal-15 ta' Lulju 2010 li bih giet rigettata t-talba tal-Awtorita' inimata kif verbalizzata fil-kors tas-seduta tal-15 ta' Lulju 2010.

Semghat lix-xhud Julian Zarb imsejjah mir-rikorrenti.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti.

Semghat lix-xhieda Maggur Alfred Cassar Renaud, Gaetano Cristina u l-Avukat Dottor John Cremona lkoll msejjhin mill-Awtorita' intimata.

Rat in-nota ta' osservazjonijiet tar-rikorrenti Albert Borg.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tal-Avukat Generali.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorita' intimata.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat l-atti kollha tar-rikors numru 1609/09 GC.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:-

Fl-imsemmi rikors ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni (numru 1609/09) presentat mir-rikorrenti fil-25 ta' Settembru 2009 l-istess rikorrenti talab li jinhareg mandat ta' Inibizzjoni kontra l-Kap Eżekuttiv Awtorità Maltija tat-Turiżmu u c-Chairman Awtorità Maltija tat-Turiżmu sabiex iżomm lill-imsemmija intimati milli jagħlqu l-lukanda Qawra Inn Hotel, ġewwa Triq it-Tamar, Qawra, u dan ghal varji ragunijiet li gew elenkati fl-istess rikors. Ir-rikorrenti ssottometta, fl-istess rikors, li x-xogħolijiet li l-Awtorità qed titlob li jsiru jistgħu jsiru bil-lukanda miftuħa skond kif iċċertifika l-Perit Ċensu Galea u fil-fatt il-ftehim li ntlahaq ma xi ufficjali tal-Awtorità intimata kien fis-sens li dawn ix-xogħolijiet isiru sular, sular, u mhux kif hemm indikat fl-avviz relattiv jew fl-ordni relattiv li rcieva r-rikorrenti minnghand l-Awtorita' u kien għalhekk li r-rikorrent baqa jgestixxi u jopera l-lukanda b'mod normali.

Inoltre r-rikorrenti ghamel referenza ghall-ordni gia' indikat (fol.4 tal-process 1609/09) fejn ir-rikorrenti gie informat illi l-imsemmija lukanda cioe' l-Qawra Inn kellha tinghalaq sa certu data u twaqqaf l-operazzjoni kollha taghha. Fil-25 ta' Settembru 2009 din il-Qorti laqgħet it-talba proviżorjament u rriservat illi tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri.

L-intimati b'rikors tal-5 ta' Ottubru 2009 talbu r-revoka "contrario imperio" tal-imsemmi dikriet tal-25 ta' Settembru 2009 u dan għar-raġunijiet kontenuti fir-rikors relattiv. L-intimati ghamlu referenza ghall-artikolu 42(2) tal-Kap 409 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi li "minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ebda mandat kawtelatorju jew ordni oħra ma għandha tinħareġ jew tingħata minn ebda qorti, li żżomm l-Awtorità milli teżerċita xi waħda mis-setgħat mogħtija lilha b'dan l-artikolu. Kwindi l-intimati ssottomettew li r-rikors ghal hrug tal-mandat ta'

inibizzjoni ma jistax jiġi milqugħ in vista tac-citat artikolu li, skond l-intimati, jagħti l-poter lill-Awtorità tat-Turiżmu li tagħti tali ordni u hu specifkament prekluz l-operatur, f'dan il-kaz ir-rikorrenti, milli juża l-mezz tal-mandat kawtelatorju sabiex iwaqqaf l-istess ordni. L-Artikolu 5 tal-Kapitolu 409 tal-Liġijiet ta' Malta jindika b'mod ċar il-funzjonijiet tal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, fosthom, li tissorvelja, tikklasfika u tikkontrolla l-liċenzjar ta' u l-istandards li għandhom jiġu provduti minn attivitajiet turistiċi. F'dan il-kaz l-Awtorità tat-Turiżmu wasslet għall-konklużjoni li l-attività turistika tar-rikorrent mhijiex tal-istandard neċessarju biex tibqa' miftuħa u kien ghalhekk li nharget l-ordni in kwestjoni, cioe' r-rikorrenti gie ordnat jagħlaq il-lukanda.

Dejjem skond l-intimati b'referenza ghas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti huma jissottomettu l-avviż jew l-ordni in kwistjoni hu wieħed li jwaqqaf attività turistika u għaldaqstant jirriżulta bl-aktar mod ċar mill-Liġi li tali appell ma jissospendix l-effetti tal-avviż in kwistjoni. L-intimati finalment issottomettew li ma jirrizultawx l-elementi rikjesti mill-liġi sabiex ikun jista jiġi ordnat il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.

Fir-risposta tieghu r-rikorrenti jissottometti li t-talba tal-intimati Awtorità Maltija tat-Turiżmu għar-revoka contrario imperio tad-dikriet proviżorju ta' din il-Qorti tal-25 ta' Settembru 2009 hi legalment insostenibbli. Ir-rikorrenti ghamel referenza ghall-artikolu 875 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jagħmilha tassativa li l-mandat jigi deciz wara li jigi appuntat għas-smiegħ u mhux qabel.

B'referenza ghall-ordni tal-Awtorita intimata tal-24 ta' Settembru 2009, li biha r-rikorrenti gie ordnat jaghlaq il-lukanda r-rikorrenti kkonferma li sar appell quddiem il-Bord tal-Appelli dwar it-Turiżmu, pero l-Bord tal-Appell iddikjara li ma setax jissospendi l-eżekuzzjoni tal-avviż. Kien ghalhekk li r-rikorrenti talab il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni in kwestjoni.

L-intimati b'rikors tal-5 ta' Ottubru 2009 talbu r-revoka "contrario imperio" tal-imsemmi dikriet tal-25 ta' Settembru

2009 fejn proviżorjament il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta’ mandat ta’ inibizzjoni.

Li hu rilevanti ghall-presenti sentenza hu li l-Awtorita’ intimata nvokat l-insindikabilità ta’ din il-Qorti u ta’ kwalunkwe Qorti taħt l-artikolu 42(2) tal-Kap 409. F’dan ir-rigward ir-rikorrenti talab, ai termini tal-Artikolu 4(3) tal-Kap 319. li sabiex il-Qorti tiddisponi minn din il-kwestjoni fid-dawl tal-artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea, tikkonverti ruħha f’Qorti ta’ Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali. Din it-talba giet akkolta u fl-istess hin il-Qorti ordnat li sakemm tiġi deċiża l-kwistjoni kostituzzjonali, id-digriet tagħha tat-28 ta’ Settembru 2009 jibqa’ fis-seħħ.

L-Awtorita’ intimata opponiet li d-digriet tat-28 ta’ Settembru 2009 jibqa’ fis-seħħ u ghalhekk tablet ir-revoka “contrario imperio” ta’ dan id-dikriet. Fil-15 ta’ Lulju 2010 il-Qorti ċaħdet it-talba tal-intimati li tissospendi l-mandat ta’ inibizzjoni pendenti l-kawża kostituzzjonali.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Ir-rikorrent jallega li l-Artikolu 42(2) tal-Kap 409 jilledi d-dritt tiegħu għall-aċċess tal-Qrati garantit mill-artikoli 6 tal-Kap 319 kif ukoll id-dritt għar-rimedju effettiv garantit mill-artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Kemm l-Avukat Ġenerali kif ukoll l-Awtorità intimata jirrespinġu dawn l-allgazzjonijiet bħala nfondati stante li skond huma l-imsemmi artikolu 42(2) ma jivvjolax id-drittijiet fondamentali tar-rikorrent.

Id-disposizzjonijiet tal-ligi li huma rilevanti fil-presenti sentenza huma s-segwenti:-

L- Artikolu 42(2) tal-Kap 409 li jipprovdi (1) jekk xi passi jew azzjonijiet oħra, li jistgħu jittieħdu fl-avviż ta’ infurzar, iżda ma jkunux ittieħdu fiż-żmien speċifikat fl-avviż, l-Awtorità tista’ tidħol fl-attività turistika, minbarra gwida tat-turisti, u tieħu dawk il-passi li jkun hemm bżonn anki dik li tagħlaq dik l-attività turistika jew azzjoni oħra skond iċ-ċirkostanzi, u tista’ għal dak l-iskop titlob l-għajnuna tal-

pulizija li jistgħu jeżerċitaw is-setgħat li għandhom biex jipprevjenu r-reati u biex jinfurzaw il-liġi u jżommu l-bonordni.

Is-sub-artikolu (2) tal-istess artikolu li jipprovdi li minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ebda mandat kawtelatorju jew ordni oħra m'għandha tinħareġ jew tingħata minn ebda Qorti, li żżomm l-Awtorità milli tezerċita xi waħda mis-setgħat mogħtija lilha b'dan l-artikolu.

L-artikolu 6 tal-Kap 319 jistipula illi "(1) Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, ta' l-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demoratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.

L-Artikolu 13 tal-Kap 319 jipprovdi li "kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali. Dawn il-proceduri qed isiru peress li meta r-rikorrenti ppresenta l-imsemmija procedure ghall-hrug tal-mandat ta inibizzjoni kontra l-Awtoritá tat-Turiżmu, l-istess Awtorità invokat l-artikolu 42(2) tal-Kap 409 hawn fuq ċitat, li skond ir-rikorrent, jilledi d-dritt tiegħu għall-aċċess tal-Qrati, garantit bl-artikolu 6, kif ukoll id-dritt għar-rimedju effettiv garantit mill-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

Mhux il-kompitu ta' din il-Qorti, b'ġurisdizzjoni kostituzzjonali, illi teżamina jekk l-avviż ta' infurzar maħruġ mill-Awtorità tat-Turiżmu kienx wieħed ġustifikat jew le, kif

fil fatt hija ma ġietx investita biex tagħmel tali eżami. Il-kompitu ta' din il-Qorti huwa illi tiddeċiedi jekk l-artikolu 42(2) tal-Kap 409 jilledix id-drittijiet fundamentali skond l-artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.

Dwar l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jista jinghad li m'hemmx dubbju illi dan l-artikolu 6 jiggarantixxi d-dritt għall-aċċess quddiem il-Qrati. Dwar dan il-fatt jaqbel ukoll l-Avukat Ġenerali kif jirrizulta mis-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub. Pero l-artikolu 6 mhuwiex xi dritt bla limitu. Dan jiggarantixxi l-imsemmi dritt fid-deċiżjoni tad-drittijiet u obbligi. Jiġifieri, jekk fil-kawża ma tkunx tittratta dwar id-determinazzjoni ta' xi dritt jew obbligu ċivili, allura l-artikolu 6 ma japplikax. Din l-implikazzjoni tirrizulta b'mod car mid-dicitura stess tal-istess artikolu. Ir-rikorrenti qed jilmenta li l-Artikolu 42(2) jimpedih milli jirrikorri l-Qorti sabiex jitlob il-ħruġ ta' mandat kawtelatorju kontra l-Awtorità tat-Turiżmu.

Kif ġie ritenut mill-Prim Awla, fis-17 ta' Awwissu, 2010, fic-citazzjoni numru 176/2010, fl-ismijiet "Roberto Carlos Calleja vs Annot Company Limited" li fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed prima facie u dan għaliex il-mertu jmissu jigi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Kwindi, fi proċeduri ta' mandat ta' inibizzjoni ma jiġix trattat jew determinat xi dritt jew obbligu ċivili, għaliex il-mertu jiġi nvestigat fil-kawża proprja li tiġi wara l-mandat kawtelatorju. Għalhekk hemm limitazzjoni fl-ezami li taghmel il-Qorti fl-istadju ta' ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, u fil fatt il-mandat ta' inibizzjoni ghandu jitqies bħala proċedura preliminari. Kif gia ntqal sabiex l-Artikolu 6 ikun japplika, irid ikun qiegħed jiġi deċiż xi dritt jew obbligu ċivili. Għaldaqstant, ma għandux raġun ir-rikorrent meta jgħid illi l-artikolu 42(2) li jistipula illi ma jistax jinħareġ ebda mandat kawtelatorju li żżomm l-Awtorità milli tezerċita xi waħda mis-setgħat mogħtija lilha jivvjola l-artikolu 6, għaliex f'mandat kawtelatorju ma jkunux qiegħdin jiġu deċiżi ebda drittijiet ċivili kif titlob il-Konvenzjoni fl-istess artikolu 6.

Fin-nota ta’ osservazzjonijiet tiegħu, l-Avukat Ġenerali jispjega r-raġunament għall-Artikolu 42(2) u ċioe’ raġuni ta’ spedetezza. Jgħid illi l-artikolu 42(2) qiegħed hemm biex il-liġi tkun effettiva, tenut kont tal-fatt illi din il-liġi tirrigwarda attività turistika, u t-turisti jkunu f’Malta għal ftit żmien. Kwindi l-avviż għandu jkollu effett minnufih u ma għandux jiġi sospiż la minħabba appell quddiem il-Bord u lanqas minħabba mandat kawtelatorju. Kwindi, fid-dawl ta’ dan u għar-raġunijiet li ngħataw aktar ‘l fuq, ma hemm xejn irregolari l-artikolu in kwestjoni.

Ghandu pero’ jigi osservat illi, nonostante li l-Qorti ma tistax tordna l-hrug ta’ mandat kawtelatorju jew ordni oħra li żżomm l-Awtorità milli tezerċita xi waħda mis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 42 kwestjoni, bl-ebda mod ma jfisser illi r-rikorrenti ġie imċaħħad minn aċċess għall-Qorti. Skond l-Artikolu 41(4) li jitkellem dwar id-dritt ta’ appell fil-Qorti tal-Apell fuq punti ta’ dritt minn sentenzi tal-Bord tal-Appell dwar it-Turiżmu, kif ukoll skond l-Artikolu 469A li bih ir-rikorrent jista’ jitlob lill-Qorti tistħarreġ il-validità ta’ deċiżjoni tal-Awtorità, ir-rikorrent għandu ghalhekk access ghall-Qrati.

Galadarba ma tirrizulta ebda lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, lanqas ma hemm ksur tal-Artikolu 13 tal-istess Konvenzjoni. Fil-mori ta’ dawn il-proceduri r-rikorrenti kkummenta dwar l-indipendenza u l-imparzjalita tal-membri tal-Bord u c-Chairman tal-istess Bord u allega li dawn in effett mhumiex tant indipendenti u imparzjali. In effett dawn l-allegazzjoni ma jirrizultawx ippruvati skond kif trid il-ligi u ghalhekk f’dan ir-rigward ma jirrizulta xejn irregolari.

Ghal dawn il-motivi kollha tiddisponi minn din il-kwestjoni billi tiddikjara li ma jirrizulta xejn irregolari ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 42(2) tal-Kap.409 tal-Liġijiet ta’ Malta u ghalhekk ma tirrizulta ebda lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti liema drittijiet huma garanti bl-artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Europea u f’dan is-sens ghandha tigi deciza l-eccezzjoni in kwestjoni tal-Awtorita’ intimata.

Spejjez kollha jithallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------